# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis, 12 ta’ Ottubru, 2023**

**Numru 7**

**Rikors Numru 903/22TA**

**Ballut Block Services Limited (C-8360)**

**vs**

**Evolution Building Limited (C-94407)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-Soċjeta’ Attriċi tal-4 ta’ Ottubru, 2022 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

“1. Illi s-soċjeta’ rikorrenti hija kreditriċi tas-soċjeta’ konvenuta fl-ammont ta’ ħamsa u erbgħin elf ħames mija wieħed u erbgħin ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€45,541,53) rappreżentanti bilanċ ta’ prezz ta’ materjal tal-bini inkluż *bricks, ramel u cement*, mibjugħ bl-ingrossa u kkonsenjat lis-soċjeta’ konvenuta mis-soċjeta’ rikorrenti fuq inkarigu tas-soċjeta’ konvenuta, rappreżentanti wkoll kumpens dovut mis-soċjeta’ konvenuta lis-soċjeta’ rikorrenti għas-servizzi provduti lilha permezz ta’ *crane*, liema servizzi huma lkoll marbuta mal-istess kont kurrenti li s-soċjeta’ konvenuta għandha mas-soċjeta’ rikorrenti u dana

kif jirriżulta mill-anness statement (Dok. 'BBS 2') u *Invoices* relattivi hawn annessi (Dok. 'BBS 3).

2. Illi għalkemm is-soċjeta' konvenuta ġiet interpellata ripetutament sabiex tħallas l-imsemmi ammont, hija baqgħet inadempjenti u ma ħallsitx;

3. Illi dawn il-fatti huma magħrufa personalment lill-esponenti.

4. Illi s-soċjeta' konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet xi tressaq għat-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti.

5. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, is-soċjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ għall-finijiet tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti, fl-ammont ta' ħamsa u erbgħin elf ħames mija wieħed u erbgħin ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€45,541.53) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' materjal tal-bini inkluż *bricks, ramel u cement* mibjugħ bl-ingrossa u kkonsenjat lis-soċjeta' konvenuta mis-soċjeta' rikorrenti fuq inkarigu tas-soċjeta' konvenuta rappreżentanti wkoll kumpens dovut mis-soċjeta' konvenuta lis-soċjeta' rikorrenti għas-servizzi provduti lilha permezz ta' *crane*, liema servizzi huma lkoll marbuta mal-istess kont kurrenti li s-soċjeta' konvenuta għandha mas-soċjeta' rikorrenti u dana kif jirriżulta mill-anness statement (Dok. 'BBS 2) u *Invoices* relattivi hawn annessi (Dok. 'BBS 3');

3. Konsegwentament, tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta, sabiex tħallas lis-soċjeta' rikorrenti l-ammont ta' ħamsa u erbgħin elf ħames mija wieħed u erbgħin ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€45,541.53).

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 2 ta' Marzu 2022 u tas-sekwestru kontestwalment preżentat, oltre l-imgħaxx legali b'effett mit-30 ta' Ottubru 2021 kontra s-soċjeta' konvenuta li hija minn issa stess inġunta għas-subizzjoni tagħha."

Rat li peress li din il-Kawża saret bil-proċedura speċjali tal-giljottina ai termini tal-Artikolu 171 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2023 ikkonċediet lis-Soċjeta' konvenuta tippresenta nota ta' eċċezzjonijiet fi żmien għoxrin ġurnata.

Rat li s-Soċjeta' konvenuta baqgħet ma għamlet ebda risposta ġuramentata u għalhekk waqgħet fi stat ta' kontumaċja.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet ix-xhieda imressqa.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-Soċjeta' konvenuta li ġiet konċessa lilha abbażi tal-artikolu 158(10) tal-kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-kawża fis-sempliċita' tagħha hija talba għall-ħlas ta' materjal fornut mis-Soċjeta' Attriċi lis-Soċjeta' konvenuta rappresentanti konsenji varji ta' bricks, ramel u cement u kif ukoll servizz ta' crane. L-ammont pretiż huwa dak ta' ħamsa u erbgħin elf ħames mija wieħed u erbgħin u tlieta u ħamsin ċenteżmu tal-ewro (€45,541.53).

Kif diġa' rilevat aktar il'fuq din il-Kawża saret bil-proċedura speċjali tal-giljottina pero fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2023 il-Qorti kkonċediet lis-Soċjeta' konvenuta tikkontesta l-kawża ordinarjament pero' baqgħet ma għamlet ebda risposta ġuramentata u għalhekk baqgħet fi stat ta' kontumaċja li hija xorta kontestazzjoni. Tant dan huwa minnu li din il-Qorti insistiet mas-Soċjeta' Attriċi li għandha tressaq il-provi.

Apparti id-dokumenti annessi mar-rikors promotur, is-Soċjeta' Attriċi ressqet affidavit ta' Paul Vella u lil Mary Vella li xehdet viva voce li kompliet

tesebixxi numru ieħor ta' dokumenti in sostenn tat-talba Attriċi (a' fol 87 sa 92). F'dik is-seduta tas-6 ta' Lulju 2023 is-Soċjeta' Attriċi għalqet il-provi tagħha, u stante l-kontumaċja tas-Soċjeta' konvenuta l-Qorti kkonċediet lis-Soċjeta' konvenuta tressaq nota ta' osservazzjonijiet kif irid l-artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Is-Soċjeta' konvenuta presentat din in-nota (a' fol 364). F'din in-nota qalet biss li wara verifiki li għamel l-accountant tagħha irrisultalha li l-ammont dovut ma kienx dak li qed titlob is-Soċjeta' Attriċi imma kien dak ta' disgħa u għoxrin elf tmien mija u tmintax u erbgħa u disgħin ċenteżmu tal-ewro (€29,818.94).

Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax, li minkejja li s-Soċjeta' konvenuta ma pprevalietx ruħha għar-risposta ġuramentata issa trid li din il-Qorti toqgħod fuq verifiki li għamel l-accountant anonimu tagħha, li li kieku ikkontestat il-kawża setgħet tressqu bħala xhud u anke <u>jkun kontro-eżaminat</u> mill-parti l-oħra. Apparti dan kollu, fl-istess nota l-anqas hemm imqar ħjiel tal-"workings" tal-accountant tagħha biex talinqas din il-Qorti tkun tista' tagħmel l-apprezzament tagħha biex ma jingħadx ukoll li dan l-eżerċizzju mhux konfermat bil-ġurament. Is-Soċjeta' konvenuta bħal donnu trid li din il-Qorti tagħmel xi eżerċizzju ta' kontabbilita' u b'hekk jirrendiha accountant tagħha ex-parte, li hija ħaġa inkonċepibbli.

F'dan ir-rigward dawn il-Qrati jgħallmu li "*Dawn huma l-provi f'din l-istanza li fiha l-konvenuta baqghet kontumaci. Ma setghetx allura l-istess konvenuta, filwaqt li tipprevalixxi ruhha mill-fakolta` lilha konsentita mill-*

*Qorti (Ara verbal tad-19 ta' Frar 2001 a fol. 65) fit-termini ta' l-Artikolu 158 (10) tal-Kapitolu 12, tabbuza minn din l-istess fakolta billi tressaq sottomissjonijiet fuq provi li mill-atti ma jirrizultawx. Id-dispost relattiv tal-ligi ma jistax, u ma ghandux, jigi interpretat bhala xi dritt koncess biex wiehed jesorbita mill-parametri tal-provi akkwiziti fil-process billi jressaq u jiddiskuti fatti li fl-istess process ma jinstabux.*

*Tali licenzja tkun tfisser illi l-kontumaci jarroga ghalih id-dritt li marte proprju jiggustifika huwa stess, u minghajr il-ministeru tal-Qorti, l-istat kontumacjali tieghu u jressaq dawk il-provi li jidhirlu hu minghajr ma l-fatti jigu approvati, jew kuntrastati, skond is-soliti rekwiziti procedurali."* (Ara **Sentenza tal-Prim Awla, per Imħallef Philip Sciberras tas-16 ta' Ġunju, 2003 fl-ismijiet Moby Rentals Limited -vs- Marthese Attard**).

Meta din il-Qorti qrat ix-xhieda imressqa mis-Soċjeta' Attriċi u d-dokumenti esebiti minnha, hija konvinta li l-ammont li qiegħed jintalab huwa dovut. Għalhekk it-talbiet Attriċi ser jintlaqgħu.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba stante li hija eżawrita.

**Tilqa' it-tieni talba** Attriċi u tiddikjara li s-Soċjeta konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti, fl-ammont ta' ħamsa u erbgħin elf ħames mija wieħed u erbgħin ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€45,541.53) rappreżentanti

bilanċ ta' prezz ta' materjal tal-bini inkluż bricks, ramel u cement mibjugħ bl-ingrossa u kkonsenjat lis-soċjeta' konvenuta mis-soċjeta' rikorrenti fuq inkarigu tas-soċjeta' konvenuta rappreżentanti wkoll kumpens dovut mis-soċjeta' konvenuta lis-soċjeta' rikorrenti għas-servizzi provduti lilha permezz ta' crane, liema servizzi huma lkoll marbuta mal-istess kont kurrenti li s-soċjeta' konvenuta għandha mas-soċjeta' attriċi.

**Tilqa' it-talba Attriċi** u tikkundanna lis-Soċjeta' konvenuta tħallas l-ammont ta' **ħamsa u erbgħin elf ħames mija wieħed u erbgħin u tlieta u ħamsin ċenteżmu tal-ewro (€45,541.53)** bl-imgħaxijiet legali mill-presentata tar-rikors ġuramentat sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes kollha tal-Kawża u kif ukoll tal-iskritturi ġudizzjarji kollha mitluba mis-Soċjeta' Attriċi, a kariku tas-Soċjeta' konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**